MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 93/2010

**Fl-atti tar-Rikors ta' Christopher Vassallo detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 355863M ai termini ta' l-Artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta in konnessjoni mas-socjeta' J. Vassallo Investments Ltd C 9815 illi giet stralcjata b'effett mill-20 ta' Jannar 2010.**

**Il-Qorti –**

**Rat** ir-rikors presentat fit-3 ta' Frar 2010 skond l-Art.325(4) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex **(1)** tordna illi l-isem ta' J. Investments Ltd C9815 jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u **(2)** tordna n-notifika ta' l-ordni ta' din il-Qorti lir-Registratur ta' l-Kumpanniji sabiex l-istess socjeta' tkun f'posizzjoni illi tkompli bl-ezistenza taghha bhallikieku ma kenitx thassret, dan kollu that dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

**Rat** is-sitt dokumenti li pprezenta r-rikorrent u mmarka minn DOK A sa DOK F (a fol 4 sa 23).

**Rat** id-digriet taghha tal-15 ta' Frar 2010 fejn din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji.

**Rat** li wara li r-Registratur kien debitament notifikat fid-19 ta' Frar 2010, huwa pprezenta risposta fit-22 ta' Frar 2010 in linea mad-digriet taghha tal-15 ta' Frar 2010.

**Rat** ir-risposta tar-Registratur tal-Kumpanniji fejn, fost hwejjeg ohra, irrileva li jekk l-isem tal-kumpannija jerga' jiddahhal fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, l-obbligi u r-responsabilita' tal-kumpannija, ta' kull direttur jew ufficjal iehor u ta' kull membru taghha jergghu jigu attivati daqs li kieku l-isem tal-kumpannija qatt ma kien gie mhassar. Ghalhekk fis-sentenza taghha, din il-Qorti ghandha taghti dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti mehtiega sabiex fi zmien improrogabbli illi jigi stabbilit minn dina l-Qorti l-kumpannija tirregolarizza l-posizzjoni taghha mmedjatament fejn ghandu x'jaqsam l-Att ta' l-1995 u dan billi tibghat ghar-registrazzjoni l-kontijiet annwali u l-prospetti annwali li baqghu ma nbaghtux, u billi jithallsu l-penalitajiet kollha dovuti lir-Registratur tal-Kumpanniji skond il-ligi. Dan sabiex jigi evitat illi titpogga fuq ir-Registru kumpannija illi ma tkunx in regola mal-ligi.

**Rat** il-verbali taz-zewg udjenzi tal-kawza, partikolarment dak tal-10 ta' Mejju 2010, fejn ir-Registratur tal-Kumpanniji, permezz tad-difensur tieghu, iddikjara li r-rikorrent kien ottempera ruhhu bis-shih mar-rikjesti tal-istess Registratur tal-Kumpanniji kif dedotti fl-ahhar paragrafu tar-risposta tieghu a fol.29 u 29 tal-process, u ghaldaqstant ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kumpannija in kwistjoni terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.

**Semghet** lir-rikorrent jikkonferma bil-gurament tieghu r-rikors promotorju ta' din il-procedura fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2010.

**Ezaminat** bir-reqqa kull dokument li kien esebit mir-rikorrent biex isostni l-istanza tieghu.

**Rat** l-Art.325 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

**In vista tal-premess, din il-Qorti tipprovdi hekk -**

**1. <u>Tiddikjara</u> li hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija J. Vassallo Investments Ltd (C 9815) jerga' tidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u ghalhekk <u>tordna</u> li l-isem tal-kumpannija J. Vassallo Investments Ltd (C 9815) jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. <u>Tordna</u> lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien hmistax (15) –il jum mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta' dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**3. <u>Tordna</u> li b'effett mid-data li fiha r-Registratur tal-Qrati jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta' l-ordni fuq riferit, ir-Registratur tal-Kumpanniji ghandu jirregistra, fi zmien sebat ijiem, il-kumpannija J. Vassallo Investments Ltd (C 9815) fir-Registru tal-Kumpanniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni, dik il-kumpannija ghandha titqies li kompliet l-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**4. <u>Tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex minnufih, izda mhux aktar tard minn hmistax (15) -il jum mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpannija J. Vassallo Investments Ltd (C 9815) fir-Registru tal-Kumpanniji, jottempera ruhu mal-obbligi tal-pubblikazzjoni skond is-subinciz (4) tal-Art.325, u mal-obbligi tal-avvizi skond is-subinciz (5) tal-Art.325 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**5. <u>Tordna</u> lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura nkluz dawk tal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------